MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2014

Mandat Numru. 455/2014/1

**Eugenio Azzopardi (704358 M) u**

**martu Helen Azzopardi (148357 M) u**

**John Azzopardi (40056 M)**

**vs.**

**Richard Tua (440953 M), Herman Mallia**

**f'ismu proprju u ghan-nom ta' Famalco Group**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors promotur datat l-24 ta' Marzu, 2014, (ara foll 1);

2.0. Rat id-digriet preliminari taghha datat wkoll l-24 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu:

   2.1. Laqghet l-imsemmi rikors provizorjament;

   2.2. Appuntat l-istess rikors ghas-smigh fid-data u hin hemm indikat;

   2.3. Bl-intimati jkunu awtorizzati jirrispondu sa mhux aktar tard minn kif hemm stipulat: (ara foll 1 u 19);

3. Rat ir-risposta ta' l-intimat Richard Tua, (ara foll 20);

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

5. Rat il-verbal datat l-10 t'April, 2014, li permezz tieghu gie rilevat li l-intimat Herman Mallia *proprio et* nomine ma intavolax risposta, (ara foll 26);

6. Rat ukoll il-verbal datat il-15 t'Ottubru, 2014, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti informa lill-qorti li effettivament l-iskop tal-mandat odjern kien intlahaq, (ara foll 42);

7. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi t-talba promotrici originali ghall-hrug tal-mandat in dizamina tista` tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

8.1. Illi r-rikorrenti ghandhom interess jintavolaw l-procedura odjerna biex jipprotegu d-drittijiet taghhom;

8.2. Illi biex jaghmlu dan jixtiequ jzommu lill-intimati milli:

8.2.1. Jaghmlu jew ikomplu xoghol, inkluz dak ta' twaqigh ta' hitan, thammil u tqattigh ta' blat, bini jew zvilupp fil-proprjeta` tar-rikorrenti adjacenti ma' dik ta' l-intimati fi Triq Dun Karm Pirotta, Birkirkara; jew

8.2.2. Jghaddu minn fuq l-istess proprjeta` tar-rikorrenti; jew

8.2.3. B'kull mod iehor jidhlu jew jaghmlu uzu mill-istess proprjeta` tar-rikorrenti; jew

8.2.4. Iqattghu l-blat fil-proprjeta` taghhom -il gewwa minn sitta u sebghin, (76), centimetru mill-konfini ma' l-art tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

9. Illi l-istess rikorrenti jissottolineaw li huma kienu wkoll gia` wissew lill-intimati, kemm verbalment u permezz t'ittri legali, biex ma jwaqqghux il-hitan tal-proprjeta` tar-rikorrenti, u biex ma jhaffrux -il gewwa mill-mizura indikata fil-paragrafu immedjatment precedenti;

Ikkunsidrat:

10. Illi nonostante tali twissijiet ir-rikorrenti ikkonstataw li l-intimati xorta wahda abbuzivament u minghajr dritt, waqqghu parti mill-hitan tas-sejjieh fil-proprjeta` u bdew ukoll iqattghu l-blat biex ikomplu bl-izvilupp edilizju taghhom bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti;

11. Illi l-imsemmi agir tal-intimati qed johloq pregudizzju irrimedjabbli lir-rikorrenti billi ser ibiddel wicc il-proprjeta` taghhom;

12. Illi konsegwentement l-istess rikorrenti qed jitolbu l-hrug tal-mandat t'inibizzjoni odjern *in tutela* tad-drittijiet fuq sintetikament elenkati;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi minn-naha tieghu l-intimat Tua sintetikament isostni is-segwenti:

13.1. Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda *stante* li dak allegat mir-rikorrenti kien gia` sehh "qabel il-prezentata tal-istess rikors", (ara foll 21);

13.2. Illi l-parti tal-hajt tas-sejjieh li twaqqghet tappartjeni lill-intimat Tua, (ara foll 21);

13.3. Illi meta l-intimat Tua avvicina lir-rikorrenti biex jirrisolvu l-vertenza, intlaqa` b'hafna ghajjat u theddid;

13.4. Illi r-rikorrenti m'indikawx il-pregudizzju li ha jsofru u ghalhekk, ir-rikors promotur hu biss frivolu, vessatorju u malizjuz;

13.5. Illi r-rikors *de quo* ma jissodisfax ir-rekwiziti essenzjali biex jigi akkolt;

13.6. Illi *stante* li fid-dintorni m'hemm l-ebda bini, allura l-artiklu 439 tal-Kodici Civili ma japplikax;

13.7. Illi ghaldaqstant:

13.7.1. It-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

13.7.2. Ir-rikorrenti ghandhom ikunu ikkundannati penali *ai termini* tal-artiklu 836 (8) (b) u (d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

13.7.3. Illi f'kaz li t-talbiet tar-rikorrenti jigu milqugha, biex ir-rikorrenti jaghmlu garanzija skont l-artiklu 838 A tal-Kap 12 tal-istess Ligijiet;

Ikkunsidrat:

14. Illi tenut kont tal-fatt li tul din il-procedura jirrizulta li l-partijiet ikkollaboraw ma' xulxin biex ma jkunux t'inkonvenjent u jassiguraw l-oghla rispett lejn il-principju tal-*buon vicinat*;

15. Illi tenut kont li mill-koncepiment tal-procedura odjerna ma jirrizultax li sar aktar xoghol *da parti* ta' l-intimati;

16. Illi pero`, *cio` nonostante*, jirrizulta wkoll li l-makkinarju utilizzat mill-intimati ghadu fl-area in dizamina u allura ghadu jikkostitwixxi minacca mhux zghira lir-rikorrenti;

17. Illi, ghalhekk, nonostante l-*bona fede* riskontrata u nonostante li x-xogholijiet minaccanti fuq imsemmija waqqfu, jibqa` il-fatt li l-ingenji u l-makkinarji ghadhom fuq il-post u facilment jistghu jergghu jigu adoperati;

**DECIDE:**

18. Illi ghalhekk is-sitwazzjoni meritu tal-procedura in dizamina tista` facilment malajr tipprecipita;

19.0. Illi biex jigi evitat dan, il-qorti tqis li ir-rikorrenti ppruvaw it-talbiet taghhom skont il-ligi u konsegwentement filwaqt li takkolji t-talbiet tar-rikorrenti, tirrespingi r-risposti tal-intimati, u konsegwentement:

19.1. Tiddikjara li qed tvarja *contrario imperio* id-digriet precedenti taghha datat l-24 ta' Marzu, 2014, billi issa tikkonfermah b'mod permanenti;

19.2. Bl-ispejjez kontra l-istess imsemmija intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------